MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2013

Appell Civili Numru. 142/1985/2

**Anthony Tabone, Rosina mart Emanuel Cauchi, Margaret mart Luigi Mizzi li tidher kemm f'isimha proprju kif ukoll bħala prokuratriċi ta' ħutha imsefrin Mary Jane mart Maurice Zahra u b'digriet tat-3 ta' Mejju 2011 l-Avukat Dr. Adrian Camilleri u l-Prokuratur Legali Alison Wadge ġew nominati bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredita` ġjaċenti ta' Mary Jane mart Maurice Zahra li mietet fil-mori tal-kawża u b'digriet tal-10 ta' Ottubru 2011 id-digriet tat-3 ta' Mejju 2011 ġie revokat *contrario imperio* u b'digriet tat-12 ta' Marzu 2012, stante l-mewt ta' Mary Jane ġia` armla ta' Maurice Zahra fil-mori tal-kawża, l-atti ġew trasfużi f' isem Anthony Tabone bħala prokuratur lokali tal-imsiefra Victoria Maria mart Stephen De Brincat u Marianne Janette mart Sam Vella, aħwa**

**Zahra; Joseph Tabone, Carmel Tabone, Paul Tabone, John Baptist Tabone, Publius Tabone, Victoria mart John Pace; u Mario Tabone**

**v.**

**Ganni Tabone**

**1.** Dan huwa appell ad istanza tal-konvenut Ganni Tabone mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali/Familja, fid-19 ta' Diċembru 2008 li permezz tiegħu qed jitlob lil din il-Qorti:

(1) tħassar is-sentenza msemmija billi ġiet mogħtija fil-konfront tal-attriċi li kienet mejta u taqsam il-wirt skont il-volonta` tat-testaturi, u fin-nuqqas li tagħmel dan:

(2) tħassar l-istess sentenza u tirrimetti l-atti lill-ewwel Qorti b'ordni biex din tissospendi s-smigħ tal-kawża sakemm jinqatgħu l-kawżi magħmulin kontra terzi rigward parti mill-art tax-Xlendi;

(3) tħassar l-istess sentenza minħabba li nieqsa minn motivazzjoni xierqa f'uħud mill-kapijiet tagħha u taqsam il-wirt skont il-volonta` tat-testaturi u fin-nuqqas li tilqa' t-talbiet (1), (2) u (3) tvarja s-sentenza billi:

(4) tordna l-immissjoni fil-pussess tal-prelegati kollha mħollija lill-appellant inkluża s-somma ta' Lm2,000;

(5) tordna l-ħlas tal-imgħaxijiet tad-depożiti bankarji mill-mewt tal-ġenituri sal-lum lill-konvenut;

(6) tagħmel pjan ta' qasma ġdida b'mod li jiġu onorati bi sħiħ il-volonta` tat-testaturi konjuġi Tabone ġenituri tal-kollitiganti kif ukoll in-norma tal-liġi dwar proprjeta` kontigwa kif fuq imfissra;

(7) tikkundanna lill-atturi biex iħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża stante li l-qasma ma saritx bonarjament unikament tort tagħhom billi riedu li l-assi tal-ġenituri

tagħhom jinqasmu ugwalment bejn l-eredi mingħajr ma jiġu onorati l-prelegati mħollija lill-appellant u fin-nuqqas ta' dan tapporzjona l-ispejjeż taż-żewġ istanzi skont il-valur tal-ishma rispettivi u;

(8) tikkonferma l-bqija tas-sentenza appellata.

**2.** Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħdha tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

"Rat ic-citazzjoni tal-atturi li tghid:

"Illi fl-24 ta' April 1984 miet f'Victoria, Ghawdex, Salvu Tabone, missier il-kontendenti, u iben il-mejtin Carmelo u Margerita nee Galea, imwieled u kien joqghod Sannat, Ghawdex (dok. A);

"Illi fl-4 ta' April 1985 mietet f'Victoria Ghawdex, Maria Tabone mart l-imsemmi Salvu, omm il-kontendenti u bint il-mejtin Pawlu Grima u Victoria nee Bonnici, imwielda ix-Xewkija u kienet toqghod Sannat, Ghawdex (dok.B);

"Illi Salvu Tabone irregola s-successjoni tieghu bis-sahha ta' zewg testmenti, wiehed tas-7 ta' Jannar tal-elf disa mija seba u sebghin (7.1.1977) u l-iehor tal-hamsa ta' Frar tal-elf disa mija erba u sebghin (5.11.1974), it-tnejn fl-atti tan-Nutar Giuseppi Cauchi (dok.C u D), fil-waqt illi Maria Tabone rregolat is-successjoni taghha kemm bis-sahha tat-testmenti imsemmija u kif ukoll bis-sahha ta' testament iehor maghmul fl-ghoxrin ta' Dicembru tal-elf disa mija u erba u tmenin (20.12.1984) fl-atti tan-Nutar Michael Refalo (dok.E);

"Illi l-kontendenti jippossjedu in komun bejntithom diversi beni provenjenti mill-wirtijiet imsemmija;

"Illi l-atturi ma jixtiqux jibqghu izjed f'dan l-istat u minkejja t-tentattivi taghhom ghall-qasma, il-konvenut qieghed jirrifjuta li jaqsam;

"Talbu ghaliex m'ghandhiex dina l-Qorti:

“1. tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti gja esistenti bejn l-imsemmija Salvu u Maria, konjugi Tabone, billi tigi dikjarata li tikkonsisti f’dawk il-beni li jirrizultaw fil-kors tal-kawza;

“2. taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti hekk likwidata f’zewg porzjonijiet ugwali li jigu assenjati porzjon lill-assi ereditarji ta’ Salvu Tabone u l-iehor lill-assi ereditarji ta’ Maria Tabone;

“3. tillikwida l-assi partikolari ta’ Salvu Tabone billi jigu dikjarati li jikkonsistu f’nofs il-komunjoni tal-akkwisti kif likwidata u f’dawk il-beni u sustanzi ohra li jirrizultaw fil-kors tal-kawza, bhala parafernali tieghu;

“4. tillikwida l-assi partikolari ta’ Maria Tabone billi jigu ddikjarati li jikkonsistu f’nofs il-komunjoni tal-akkwisti kif likwidati u f’dawk il-beni u sustanzi ohra li jirrisultaw fil-kors tal-kawza bhala parafernali taghha;

“5. taqsam l-assi imsemmija fi tnax (12) il-porzjon li jigu assenjati wahda kull wiehed lill-kull wiehed u wahda mill-kontendenti;

“6. tinnomina Nutar pubbliku sabiex jippublika l-att opportun ta’ likwidazzjoni u divizjoni u kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci;

“7. f’kaz li jirrizulta li l-beni imsemmija jew uhud minnhom m’humiex komodament divizibbli, tordna l-bejgh taghhom in licitazzjoni bl-ammissjoni ta’ oblaturi estranei;

“Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali mibghuta lill-konvenut f’Lulju tal-elf disa mija u hamsa u tmenin (1985); il-konvenut imharrrek ghas-subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni guramentata akkompanjanti c-citazzjoni debitament ikkonfermata bil-gurament mill-attur Anthony Tabone annessa maghha l-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti;

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Gianni Tabone li eccepixxa:

“1. preliminarjament mhux veru li l-attrici Margaret Mizzi hija prokuratrici tal-imsifrin imsemmija fic-citazzjoni;

“2. fil-meritu, li huwa ma jopponix ruhu ghad-divizjoni mitluba fic-citazzjoni basta jigi likwidat u diviz l-wirt kollu tal-genituri u jigu onorati t-testmenti u l-konvenut jiehu dak li jmissu;

“3. salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

“Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa flimkien mal-lista tax-xhieda.

“Rat id-digriet ta’ din il-Qorti diversament preseduta tal-15 ta’ Novembru 1985 fejn kienu nominati l-Avukat Franz Refalo bhala perit legali u l-AIC Joseph Dimech bhala perit tekniku u in segwitu l-Avukat Carmelo Galea isostitwixxa lill-Avukat Franz Refalo.
“Rat ir-relazzjonijiet rispettivi tal-periti nominati u debitament mahlufa – senjatament, tal-Avukat Carmelo Galea folio 297 u 707 u tal-AIC Joseph Dimech folio 275 u 707;

“Ezaminat ix-xhieda;

“Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

“Ikkonsidrat:

“Dina hija kawza ta’ divizjoni li hadet dan iz-zmien kollu biex tigi finalizzata minhabba ostruzjonismu sistematiku tal-konvenut. Hekk fil-fatt kellha xi tghid il-Qorti tal-Appell f’sentenza li tat fil-kors ta’ dawn il-proceduri fit-28 ta’ Frar 1997 (esebita folio 627 et seq): “ Dan hu appell ghal kollox irritu, razenti l-abbuziv u mahsub biss biex itawwal bla bzonn il-proceduri tal-kawza principali li ilha tiddilunga ormai tnax-il sena b’telf ta’ zmien u hela ta’ energija li ma jista’ ikollhom ebda vantagg hlief il-pregudizzju tal-

kontendenti. Pregudizzju li jidher l-aktar jaggrava lill-appellati (ossija l-atturi). Hu appell frivolu u vessatorju li jinvoka l-applikazzjoni tas-sanzjoni tad-doppie spese …" u din il-Qorti ttenni li dan l-istruzzjonismu ghandu wkoll jigi rifless fil-kap tal-ispejjez ta' din il-kawza.

"Illi l-proprjeta' in divizjoni hija dik tal-genituri tal-kontendenti li mietu, il-missier Salvu Tabone fl-24 ta' April 1984, u l-omm Maria Tabone li mietet fl-4 ta' April 1995 u s-successjoni taghhom hija regolata b'tlett tesmenti li l-ewwel tnejn huma 'unica charta' waqt li l-ahhar wiehed gie maghmul mill-omm wara l-mewt ta' zewgha kif kellha l-poter taghmlu. It-testmenti huma: l-'unica charta' dawk tal-5 ta' Frar 1974 u 7 ta' Jannar 1977 in atti Nutar Giuseppe Cauchi (esebiti folio 12 u 8 u100); dak partikolari ta' Maria Tabone tal-20 ta' Dicembru 1984 in atti Nutar Michael Refalo (esebit folio 180).

"Illi mit-testmenti suriferiti dak partikolari tal-omm jikkonsisti biss filli b'titolu ta' prelegat halliet lill-konvenut sehma minn zewg porzjonijiet raba ossija dik maghrufa bhala 'Ta' Sturata' sive 'Ta' Seama' limiti Munxar u l-ohra maghrufa bhala 'Ta' Xlendi' limiti Kercem. Aktar interessanti huma t-testmenti 'unica charta'. Permezz taghhom l-konjugi Tabone istitwew il-kontendenti (fin-numru ta' tnax) bhala werrieta universali taghhom u istitwew diversi legati/prelegati favur binhom il-konvenut.

"Illi tajjeb li f'dan l-istadju jigu identifikati l-legati li thallew permezz tat-testmenti fuq citati. Il-legati/prelegati huma:

- "il-fondi bin-numru wiehed sa erba fi Triq Bardan Sannat b'gardina li tigi fuq il-lvant limitata fuq it-tramuntana b'linja dritta u in linja retta mal-hajt tat-tramuntana tal-garage fin-numru wiehed liema hajt divizorju jibqa miexi lejn il-lvant sakemm tilhaq beni tal-werrieta ta' Nikola Farrugia. Eskluz mill-fond appena deskritt xi kmamar zghar tat-tigieg fuq it-tramuntana.

"Dan il-legat anzi prelegat thalla lill-konvenut bi tpattija tas-servigi u oltre dak li t-testaturi kienu ittrasferewlu mill-istess estensjoni akbar tal-art permezz ta' kuntratt atti

Giuseppe Cauchi tad-29 ta' Dicembru 1976 (esebit folio 815 et seq) u fir-rigward liema t-testaturi kienu ordnaw li mill-parti li tigi lejn it-tramuntana tal-linja divizorja l-istess prelegatarju ma jkunx jista' jippretendi xejn bhala art izda tpattija ta' flus pero' bid-dritt ta' preferenza, prezz bi prezz, li jixtri f'kaz li xi hadd mill-werrieta jbiegh izda kompriz f'dan il-prelegat l-oggetti kollha mobbli, mobilja, bjankerija, annimali u ghodda u kull haga ohra mobbli fl-oggett immobiljari kollu deskritt;

- "prelegat tat-terran fejn hemm l-ingenji tal-bahar u d-dghajjes fil-limiti Kercem Triq Sant Andrija, ossija dak li fid-data tal-ewwel testament ma kienx mikri jew moghti b'cens kompriz mieghu l-kamra li kienet fil-pussess ta' certu Speditu Buttigieg u l-kamra tal-banju gja b'cens ghand Cecilia de Trafford, bl-oggetti kollha mobbli, dghajjes, attrezzi u ingenji ezistenti fih - identifikat dan it-terran bin-numru 8 fl-imsemmija Triq Sant Andrija, Xlendi, limiti Kercem

"Dan il-prelegat thalla lill-konvenut barra minn sehmu;

- "prelegat ta' Lm2000 ghall-darba u wkoll l-ingenji kollha tar-raba u il-vettura illi t-testaturi jkollhom fl-epoka tal-mewt tas-superstiti fosthom u b'dan ukoll li kull ma' l-konvenut ikollu fuq ismu sewwa flus kemm hag'ohra tkun xi tkun ghandha tigi kunsidrata tieghu ghaliex akkwistata bix-xoghol tieghu;

- "b'titolu ta' legat barra minn sehmu l-profitti kollha derivanti mill-amministrazzjoni tal-wirt li thalliet f'idejh sakemm issir il-qasma;

"Illi identifikati l-legati jirrisulta lill-dina l-Qorti li l-pjan ta' divizzjoni imfassal mill-perit tekniku mhwiex attwabbli ghaliex fl-ewwel lok hemm xi inezattezzi koncernanti dawn il-legati u fit-tieni lok mhux legalment koncepibbli li l-beni komprendenti l-wirt, eskluzi l-legati, jigu divizi bejn hdax bl-esklussjoni tal-konvenut fuq l-istregwa li l-legati jikkompensawh ta' sehmu fil-wirt.

"Illi nghad dan mhiex pero' din il-Qorti propensa li illum, ghexieren ta' zmien wara li gew intavolati dawn il-proceduri, tibghat l-atti lura lill-perit tekniku biex il-pjan ta' divizjoni jigi rivedut jew li tinnomina periti perizjuri ghaliex fil-verita' aktar inoltrar biex tigi deciza l-kawza jkun ta' pregudizzju lill-atturi ferm aktar milli lill-konvenut li ghandu l-amministrazzjoni u tgawdija tal-profitti u li ilu f'din is-sitwazzjoni ghall-zmien skonsiderat u li metodikament ghamel minn kollox biex jostakola d-divizjoni. Ghaldaqstant u ghall kull fini u effett il-Qorti qedgha tichad kull talba tal-konvenut ghan-nomina ta' periti perizjuri u/jew talbiet biex tirremetti l-atti lill-periti kemm jekk legali kemm jekk tekniku u sejra tipprocedi bid-divizjoni tal-assi billi tfassal pjan ta' divizjoni hi fuq l-istregwa tal-beni tal-wirt risultanti mill-atti u l-istejjem u l-pjanti ghab-bazi tar-relazzjoni tal-perit tekniku, senjatament dik folio 721 et seq, li emmendat ir-relazzjoni precedenti esebita folio 276 et seq.

"Ikkunsidrat:

"Illi l-beni urbani u rurali komprendenti l-wirt, li fin-nuqqas ta' provi, dokumenti u indizji ohra jidhru li jappartjenu ilkoll lill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konjugi Tabone (u li fil-prattika ma taghmel l-ebda differenza stante li xorta divizibbli bejn it-tnax il-kontendenti), jikkonsistu fil-beni li hemm deskritti fir-relazzjoni peritali folio 725 et seq bl-istimi u l-pjanti relattivi li din il-Qorti ser taghmilhom taghha bl-eskluzjoni tas-sehemijiet (ossija lottijiet) kif gew distribwiti. Ergo, l-beni, eskluzi l-legati, huma s-segwenti:

"1. terrani u mezzanini fi Triq u Sqaq St Indrija, Xlendi, referenza l-pjanta folio 729 maqsum f'tlettax il-bicca markati A1 sa A13 u A1a, A1b u A1c rispettivament fuq l-istess;

"2. dar numru 12, Triq Santa Teodora, Xewkija b'referenza pjanta folio 730 maqsuma f'zewg porzjonijiet B1 u B2;

“3. art fi sqaq f’Triq Sant Indrija, Xlendi, b’referenza folio 731 maqsuma fi tlett porzjonijiet C1, C2, u C3;

“4. art fi Triq Karolina, Xlendi, b’referenza folio 732 maqsuma f’sitt porzjonijiet D1 sa D6;

“5. art Triq il-Kbira kanutiera ma’ Triq Bardan Sannat b’referenza folio 733 maqsuma fi tlett porzjonijiet E1 sa E3;

“6. art ‘Tar-Rokna’ Triq Sant Indrija, Xlendi, b’referenza folio 734 konsistenti f’porzjoni wahda;

“7. art/raba ‘Ta’ Stivala’ limiti Munxar, b’referenza folio 735 maqsuma f’zewg porzjonijiet G1 u G2;

“8. art/raba ‘Ta’ Kamlata’ limiti Sannat, b’referenza folio 736 konsistenti f’pozjoni wahda.

“Issa d-divizjoni ta’ dawn il-beni fi tnax is-sehem huwa kif propost u kif ser jigi ordnat fid-dokument anness ma’ dina s-sentenza li ghandu jifforma parti integrali taghha wara li din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li mill-art Triq Karolina, Xlendi (ghal dak li din il-Qorti setghet tikkonstata) u mill-art ‘Ta’ Stivala’ il-konvenut ghandu nofs tieghu skond il-legat moghti lilu fit-testment tal-omm.

“Dwar id-divizjoni tal-oggetti mobbli l-uniku aspett rilevanti f’dan il-kuntest huma d-depositi bankarji li jikkonsistu (mill-ahjar accertament li ghamlet din il-Qorti) f’erba depositi fissi, wiehed minnhom depositat ma’ dak li kien il-Mid-Med Bank u li fl-atti hemm il-libretti relattivi. Dawn id-depositi jikkonsiatu: (i) f’depositi fissi fil-Bank of Valletta numri 24705 3336, 267032711, 244022324; (ii) f’depositu fiss numru 167457 fil gja Mid-Med Bank; (iii) investimenti barranin f’National Savings Bonds u British Savings Bonds li c-cedoli taghhom jirrisultaw minn xhieda li qeghdin mizmuma ghand l-Post MasterGeneral jew minn isostitwih. Izda hi x’inhi l-posizzjoni kemm id-depositi bankarji f’banek lokali u investimenti esteri jew anka

azzjonijiet f'socjetajiet kummercjali ghandhom jigu divizi fi kwoti indaqs (igifieri wiehed minn kull tnax il-parti) bejn il-kondividenti inkluz l-imghax li iddekorra fuqhom billi fil-fehma ta' din il-Qorti tali imghax ma jiffurmax parti mill-'profitti' tal-amministrazzjoni tal-wirt li t-testaturi hallew b'legat lill-konvenut. Fir-rigward oggetti mobbli ohra dawn huma irrilevanti ghall-qasma billi jidher li huma gew imhollija legat fl-intier taghhom lill-konvenut.

"Ikkonsidrat:

"Illi xi osservazzjonijiet huma pertinenti li jsiru f'dan l-ahhar stadju ta' dina s-sentenza a skans ta' kull ekwivoku u li dina l-Qorti qeghdha taghmilhom in linja ta' ordnijiet/direttivi fil-qsim tal-wirt:

- "li m'hemm xejn x'jigi komputat bhala kumpens ghall-amministrazzjoni tal-wirt a beneficju tal-konvenut ghall-liema ghandom jaghmlu ampjament tajjeb il-'profitti' li huwa ippercepixxa minhabba l-amministrazzjoni;

- "li skond il-perit tekniku il-giardina annessa mal-fondi 1,2,3,4 fi Triq Bardan imhollija b'legat lill-konvenut giet imkejlha u fil-pjan ta' divizjoni giet inkluza biss l-parti tar-raba rimanenti u din biss giet inkluza fid-divizjoni;

- "li fir-rigward xi ghalqa 'Ta' Zabbetta' jew 'Ta' Bardan' imkien din ma rrisultat fost il-beni tal-wirt u sewwa ghamel l-perit tekniku li ma hax konjizzjoni taghha;

- "li fir-rigward il-legat ta' Lm2000 (u kull imghax talvolta dovut) imholli lill-konvenut jirrisulta li l-konvenut gja hadu billi in linja di massima ghandu jirrisulta li sehemu tat-taxxa tas-successjoni thallset minn depositi bankarji appartenenti lill-wirt waqt li mill-atti jirrisulta ampjament mir-ricevuti hemm esebiti li l-atturi hallsu t-taxxa minn buthom.

"Ghaldastant, tiddisponi mill-kawza billi:

“1. tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut stante li l-prokuri jinsabu esebiti;

“2. tilqa’ t-talbiet tal-atturi sa fejn kompatibbli ma’ dina s-sentenza billi tordna l-qsim tal-wirt skond kif hawn fuq dispost u cioe ghab-bazi tas-sehemijiet fl-anness dokument u formanti parti integrali ta’ din is-sentenza igifieri f’sehem kull wiehed li jtella bix-xorti bejn u favur kull wiehed u wahda mill-hdax il-kondividenti (eskluz il-konvenut), igifieri mill-porzjon tnejn sal-porzjon tnax fl-anness dokument, billi qeghda tordna li l-ewwel porzjon jinghata per assenjazzjoni lill-konvenut, u, in kwantu ghad-depositi bankarji lokali, investimenti esteri u kull oqsma f’kumpaniji kemm lokali jew esteri jinqasmu f’sehmijiet indaqs cioe wiehed minn kull tnax il sehem bejn il-kondividenti;

“3. tinnomina lin-Nutar Silvio Hili sabiex jippublika l-kuntratt f’data, lok u hin li jigu iffissati wara rikors appositu u lill-Avukat Joseph Grech sabiex jidher u jirrapresenta fuq il-kuntratt kull eventwali kontumaci.

“Fir-rigward l-ispejjez l-konvenut ghandu ibati dawk tar-registru u l-ispejjez tal-avukat tieghu waqt li l-kumplament jibqaw fis-sehem ta’ wiehed minn tnax fuq kull wiehed u wahda mill-kondividenti.

“DOK.A

**“1 PROPRJETA' IN DIVIZJONI**

“- terrani u mezzanini Triq Sant Indrija, Xlendi - murija fuq pjanta folio 729;

“- dar numru 12, Triq San Teodora, Xewkija;

“- art fi sqaq Triq Sant Indrija, Xlendi - murija fuq pjanta folio 731;

“- art Triq Karolina, Xlendi - murija fuq pjanta folio 732;

“- art Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq Bardan, Sannat - murija fuq pjanta folio733;

“- art Tar-Rokna, Triq Sant Indrija, Xlendi;

“- art 'Ta' Stivala' limiti Munxar;

“- art 'Ta' Kamlata' limiti Sannat;

**“2. PROPRJETA’ B’LEGAT LILL-KONVENUT**

“- terran numru 8;

“- nofs indiviz ta' art Triq Sant Indrija, Xlendi;

“- nofs indiviz art Triq Karolina, Xlendi;

“- nofs indiviz art Tar Rokna Triq Sant Indrija, Xlendi;

“- nofs indiviz raba Ta' Stivala limiti Munxar;

**“3.1** - valur intier tal-proprjeta' - Lm95,565.76 ═ 222608.33 euro;

**“3.2** - valur tal-legati - Lm12,812.88 = 29845.98 euro;
**“3.3** - valur tal-proprjeta' in divizjoni Lm82,752.88 = 192762.35 euro [3.1 nieqes 3.2];

**“3.4** - kull wiehed u wahda mit-tnax il-porzjon tircevi Lm6896 ═ 16063 euro;

**“4. LOTIJIET**

**“4.1 - L-EWWEL PORZJONI**

“i. nofs indiviz art Triq Sant Indrija Xlendi - pjanta folio 731………..Lm3076

“ii. nofs indiviz art 'Tar-Rokna' Triq Sant Indrija, Xlendi - pjanta folio 734..............Lm 18

“iii. art Ta' Kamlata limiti Sannat - pjanta folio 736 Lm 56

**“valur il-porzjoni Lm4150 = 9667 Euro ergo <u>tircevi</u> ekwiparazzjoni 6396 euro.**

**“4.2 - IT-TIENI PORZJONI**

“i. mezzanin 7a markat A1a pjanta folio 729……Lm3500

“ii. mezzanin markat A1B pjanta 729……………..Lm3400

**“valur il-porzjoni Lm6900 = 16072 Euro ergo <u>tircevi</u> ekwiparazzjoni**

**“4.3 - IT-TIELET PORZJONI**

“i. terran 'Casa Keen' markat A10 pjanta folio 729.............................Lm3400

“ii. plot markat E1 pjanta folio 733………….Lm2848

**“valur il-porzjoni Lm6248 = 14554 Euro ergo <u>tircevi</u> ekwiparazzjoni 1510 euro.**

**“4.4 - IR-RABA PORZJONI**

“i. mezzanin 7c markat A1C pjanta folio 729...........Lm3200

“ii. plot markat E3 pjanta folio 733..............................................Lm3680

**“valur il-porzjoni Lm6880 = 16026 Euro ergo <u>tircevi</u> ekwiparazzjoni 38 euro.**

**“4.5 - IL-HAMES PORZJONI**

i. terran numru 9 markat A3 pjanta folio 729..................................Lm5800

ii. parti diviza dar 12 Triq Santa Teodora markata B1 pjanta 729............Lm2800

**“valur il-porzjoni Lm8600 = 20,0033 Euro *thallas* ekwiparazzjoni 3969 euro.**

**“4.6 - IS-SITT PORZJONI**

“i. terran numru 9a markat A4 pjanta folio 729 .Lm6300

“ii. nofs raba Ta' Stivala limiti Munxar. .Lm233

**“valur il-porzjoni Lm6533 = 15,218 Euro <u>tircevi</u> ekwiparazzjoni 846 euro**.

**“4.7 - IS-SEBA PORZJONI**

“i. terran markat A5 pjanta folio 729 ……………Lm4000

“ii. terran St Michael market A11 pjanta folio 720................Lm3400

**“valur il-porzjoni Lm7400 = 17,237 Euro *thallas* ekwiparazzjoni 1173 Euro.**

**“4.8 – IT-TMIEN PORZJONI**

“i. mezzanin Dar il-Bir market A12 pjanta folio 729………..Lm5600

“ii. art markata D1 pjanta folio 732………………..Lm962

**“valur il-porzjoni Lm6562 = 15,285 Euro <u>tircevi</u> ekwiparazzjoni 779 euro.**

**“4.9 – ID-DISA’ PORZJONI**

“i. mezzanin Kereil market A7 pjanta folio 729………….Lm5600

“ii. porzjon raba markata D2 pjanta folio 732………..Lm962

**“valur il-porzjoni Lm6562 = 15285 Euro <u>tircevi</u> ekwiparazzjoni 779 euro.**

**“4.10 – L-GHAXAR PORZJONI**

“i. terran Elie markat A8 pjanta folio 729…………….Lm3300
“ii. porzjon raba markata E2 pjanta folio 733………….Lm3465

**“valur il-porzjoni Lm6756 = 15737 Euro <u>tircevi</u> ekwiparazzjoni ta’ 327 euro**

**“4.11 – IL-HDAX PORZJONI**

“i. terran markat A6 pjanta folio 729…………….Lm4000

“ii. terran St. Anthony markat A9 pjanta folio 729…………Lm3800

**“valur il-porzjoni Lm7800 = 18,169 Euro *thallas* ekwiparazzjoni 2105 euro.**

**“4.12 – IT-TNAX PORZJONI**

“i. mezzanin jismu Dar tal-Bir markat A13 pjanta folio 729………Lm5600

“ii. parti diviza 12 Triq Santa Teodora markata B2 pjanta folio 730……….Lm2800

**“valur il-porzjoni Lm8400 = 19,567 *thallas* ekwiparazzjoni 3503 euro.”**

**Rikors tal-appell tal-konvenut Ganni Tabone ppreżentat fis-7 ta' Jannar 2009**

**3.** Il-konvenut Ganni Tabone ħassu aggravat bis-sentenza tal-ewwel Qorti u għalhekk interpona dan l-appell minnha. L-aggravji tiegħu huma s-segwenti:

(1) Fl-ewwel lok isostni li s-sentenza tal-ewwel Qorti hija nulla peress li magħmula fil-konfront ta' persuna li kienet mejta. Dan jgħidu għaliex waħda mill-atturi, Mary Jane mart Maurice Zahra, mietet waqt il-mori tal-kawża quddiem l-ewwel Qorti;[1]

(2) Jargumenta wkoll li s-sentenza tal-ewwel Qorti hija legalment skorretta peress li ma tistatuwix għall-immissjoni fil-pussess tal-legati mħollija lilu;

(3) Jirreferi għal żewġ kawżi pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha Superjuri, it-tnejn fl-ismijiet **Anthony Tabone pro et noe v. Joseph Bianco** (Ċitazzjoni numru 14/2005 u 64/2005 rispettivament) li jirrigwardaw kwistjoni ma' terzi persuna fuq il-proprjeta` ta' parti mill-art ta' Xlendi li qegħdha in diviżjoni u għalhekk jargumenta li d-diviżjoni ma tistax issir qabel ma jinqatgħu dawn il-kawżi;

(4) (a) Ir-raba' aggravju tiegħu jirrigwarda l-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti ddikjarat li bħala prelegat huwa għandu nofs indiviż mill-art tax-Xlendi mbagħad bħala parti minn sehemu ta' werriet tatu wkoll "nofs indiviż art Triq Sant' Indrija, Xlendi – pjanta folio 731)" u l-fatt li mbagħad assenjat partijiet diviżi mill-istess art lil uħud mill-porzjonijiet l-oħra (mit-tieni porzjon sat-tnax-il porzjon) li ordnat li jittellgħu bix-xorti. Huwa jispjega li l-art tax-Xlendi mħollija lilu bi prelegat tikkonsisti f'seba' sigħan fil-forma tal-ittra "L" u li fuq parti minnha nbnew l-appartamenti li l-ewwel Qorti qassmet fost il-lottijiet li

[1] Fis-seduta tat-18 ta' April 2011 quddiem din il-Qorti, Dr. Anton Refali għall-konvenut appellant ġibed l-attenzjoni ta' din il-Qorti għar-rikors għat-trasfużjoni tal-atti a fol. 16 tal-proċess tal-appell u ddikjara li kien **qed jirtira l-eċċezzjoni tan-nullita` tal-appell** li huwa ssolleva fir-rikors tal-appell tiegħu.

jittellgħu bix-xorti. Iżid jgħid li apparti l-biċċa art li fuqha hemm il-bini, mill-porzjon tal-art li għadha raba huwa għandu n-nofs indiviż bi prelegat. Huwa jsostni li l-ebda parti minnha ma tista' titqassam sakemm l-ewwel ma jiġix identifikat, segregat u assenjat lilu nofs diviż minn din l-art. Jilmenta li porzjonijiet mill-art tax-Xlendi ġew assenjati darbtejn: l-ewwel lilu bħala parti mill-prelegat tiegħu u t-tieni darba lill-werrieta l-oħra.

(b) Jinsisti li huwa għandu jieħu apparti l-proprjeta` tax-Xlendi mħollija lilu b'legat, proprjeta` oħra mix-Xlendi daqs kemm jieħdu ħutu. Jargumenta li dan l-ewwel Qorti naqset li tagħmlu kemm minħabba r-raġunijiet premessi kif ukoll billi l-"Ewwel Porzjoni" fid-Dok A anness mas-sentenza tikkonsisti fi proprjeta` mmobbli ta' valur sostanzjalment inferjuri għall-porzjonijiet l-oħra. Jilmenta li minħabba dan ma ġiex onorat it-testment tal-ġenituri li impona li huwa jieħu (wara li tiġi prelevata l-proprjeta` immobbli mħollija lilu bi prelegat) sehemu daqs ħutu in natura (u mhux b'ekwiparazzjoni ta' flus) mill-proprjeta` fix-Xlendi.

(c) Iżid jgħid ukoll li l-ewwel Qorti naqset ukoll li tapplika d-dispożizzjoni tal-liġi li tesiġi li min ikollu proprjeta` kontigwa għal beni in diviżjoni għandu kemm jista' jkun jiġi assenjat dik il-parti li tkun tmiss mal-proprjeta` li tkun kollha tiegħu. Huwa jrid li kemm-il darba imissu parti mill-bini tax-Xlendi jiġi assenjat lilu l-fond ta' fuq jew ma' ġenb il-bini lilu assenjat b'legat.

(d) Jilmenta wkoll li l-ewwel Qorti naqset li tagħmel apporzjonament taċ-ċens gravanti l-istess proprjeta`.

(5) Il-ħames aggravju tal-konvenut jirrigwarda s-sottomissjoni tiegħu fejn kien spjega li l-profitti lilu mħollija mill-ġenituri tiegħu kienu jikkonsistu fost oħrajn fl-imgħaxijiet derivanti mill-kapital ta' flus iddepożitat f'banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħra. L-ewwel Qorti kienet qalet li fil-fehma tagħha "*tali imgħax ma jiffurmax parti mill-profitti tal-amministrazzjoni tal-wirt li t-testaturi ħallew b'legat lill-konvenut*." Huwa jargumenta li l-ewwel Qorti naqset milli tagħti xi raġuni li wasslitha biex tifforma l-konvinċiment tagħha u għalhekk dan jikkostitwixxi nuqqas

ta' motivazzjoni tas-sentenza. Għal kull buon fini huwa jiddikjara li huwa prattikament ma ġibed l-ebda imgħax peress li fi stadju bikri tal-kawża l-atturi kienu għamlulu mandat ta' sekwestru.

(6) Jilmenta wkoll li huwa ħallas minn butu Lm5.50 kull sena mill-1984 sal-2009 u cioe` s-somma totali ta' Lm137.50 għall-proprjeta` tax-Xlendi u l-ewwel Qorti naqset li tirrimborsah ta' dawn l-ispejjeż.

(7) Jilmenta wkoll li l-ewwel Qorti inġustament naqset milli tagħti s-somma ta' Lm2,000 imħollija lilu bi prelegat.

(8) L-aggravju finali tiegħu jirrigwarda l-ispejjeż. L-ewwel Qorti tefgħet l-ispejjeż tar-reġistru u d-dritt tal-avukat tiegħu kollha fuqu waqt li l-kumplament qassmithom fis-sehem ta' wieħed minn tnax fuq kull wieħed u waħda mill-kondividenti. Huwa jargumenta li dan imur kontra l-prassi kostanti li f'każ ta' qsim ta' proprjeta`, kull parti tħallas l-ispejjeż ġudizzjarji a proporzjon tas-sehem tagħha. Jilmenta li l-ewwel Qorti ma tat l-ebda raġuni għal din il-parti tad-deċiżjoni tagħha. Huwa jsostni li dan iwassal għan-nullita` tas-sentenza. Huwa jirreferi għall-kumment tal-ewwel Qorti fejn qalet li din il-kawża ħadet dan iż-żmien kollu minħabba ostrużjoniżmu sistematiku da parti tiegħu. Huwa jargumenta li taħti in parti għad-dewmien l-istess Qorti li apparti d-dewmien ikkawżat minħabba l-iżbalji tal-periti minnha maħtura kif ukoll minħabba t-tul ta' żmien li ħadet biex tat s-sentenza, kellha l-kompitu li tikkontrolla l-andament tal-kawża. Isemmi wkoll l-appell li kien għamel fl-1993 li dam ma nqata' sal-1997 u jargumenta li għal dan id-dewmien jaħti l-istat ta' Malta li ma ħax ħsieb li l-kawżi jinqatgħu mingħajr dewmien, u mhux hu.

**4.** Kontestwalment mar-rikors tal-appell tiegħu fis-7 ta' Jannar 2009, il-konvenut appellant ippreżenta rikors sabiex din il-Qorti taħtar kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredita` ġjaċenti tal-attriċi Mary Jane Zahra fl-atti ta' din il-kawża kif ukoll fl-atti oħrajn kollha konnessi u sussegwenti u tordna t-trasfużjoni tal-ġudizzju

f'isem l-istess kuraturi. Billi ma deher ħadd biex jaċċerta l-kurazija fit-3 ta' Mejju 2011 ġew nominati Dr. Adrian Camilleri u l-PL Alison Wadge bħala kuraturi għall-finijiet kollha tal-liġi.

**Risposta tal-appell tal-atturi kif rappreżentati minn Margaret Mizzi ppreżentat fit-30 ta' Jannar 2011**

Dwar l-ewwel aggravju: *in-nullita` tas-sentenza peress li wara l-mewt tal-attriċi Mary Jane Zahra fil-mori tal-kawża ma saritx it-trasfużjoni tal-ġudizzju inkwantu jirrigwarda lilha*.

**5.** L-atturi jargumentaw illi din l-eċċezzjoni mhix aċċettabbli f'dan l-istadju peress li skont l-Artikolu 789(2) tal-Kapitolu 12 din l-eċċezzjoni ma tistax tingħata meta l-parti li tagħtiha tkun baqgħet tagħmel jew, għad li tkun taf biha, tkun ħalliet li jibqgħu jsiru atti oħra wara, mingħajr ma teċċepixxi dik in-nullita`. Huma jsostnu li m'hemmx dubbju li l-konvenut kien jaf bil-mewt ta' oħtu iżda huwa baqa' sieket.

**6.** Jargumentaw ukoll li l-ġurispudenza tgħallem li tali eċċezzjoni tan-nullita` tiġi milqugħa biss jekk il-persuna li tqajjimha tipprova li ser tbati preġudizzju jekk ma jiġux regolati l-atti, u fil-każ odjern il-konvenut ma spjegax kif in-nuqqas ta' trasfużjoni tal-ġudizzju hija jew tista' tkun ta' preġudizzju għalih.

Dwar it-tieni aggravju: *in-nuqqas tal-ewwel Qorti li tipprovdi għall-immissjoni fil-pussess tal-legati mħollija lill-konvenut*

**7.** L-atturi appellati jissottomettu li ma saret l-ebda talba minnhom biex issir immissjoni fil-pussess ta' legati li tħallew mid- *decuis* a favur tal-konvenut, illum appellant, u lanqas ma għamel riferenza għall-immissjoni fl-eċċezzjonijiet tiegħu iżda sempliċiment eċċepixxa li kellu jieħu dak li jmissu. Għalhekk fil-fehma tagħhom l-ewwel Qorti ġustament żammet mal-parametri tal-kontestazzjoni. Fi kwalunkwe każ jgħidu li l-assenjazzjoni neċessarjament tinkludi u tfisser l-immissjoni fil-pussess u għalhekk

indirettament ġie ordnat minnha wkoll li ssir l-immissjoni fil-pussess.

<u>Dwar it-tielet aggravju</u>: *il-kawżi pendenti*

**8.** Il-konvenut appellant jaċċenna għall-fatt li hemm żewġ kawżi pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fl-ismijiet **Anthony Tabone pro et noe v. Joseph Bianco** (Cit. Nru. 14/2005 u 64/2005 rispettivament) li jirrigwardaw kwistjoni ma' terza persuna fuq il-proprjeta` ta' parti mill-art tax-Xlendi li qegħdha in diviżjoni u għalhekk jargumenta li d-diviżjoni ma tistax issir qabel ma jinqatgħu dawn il-kawżi. L-atturi appellati jispjegaw li dawn huma kawżi ta' spoll u li allura ma jista' jkollhom l-ebda effett fuq it-titolu tal-proprjeta` inkwistjoni u għaldaqstant l-eżistenza ta' dawn iż-żewġ kawżi ma tistax tiġi kkunsidrata bħala ostakolu għall-konklużjoni tal-kawża odjerna.

<u>Dwar ir-raba' aggravju</u>: *in-nofs indiviż li ħa bħala werriet; l-ekwiparazzjoni; l-assenjazzjoni ta' proprjeta` kontigwa; iċ-ċens*

**9.** F'dan l-aggravju tiegħu, il-konvenut appellant jinkludi diversi ilmenti.

**10.** Jibda biex jikkunsidra l-fatt li l-ewwel Qorti, wara li ddikjarat li bħala prelegat għandu nofs indiviż mill-art tax-Xlendi, tatu wkoll bħala parti minn sehemu ta' werriet <u>nofs indiviż</u> art Triq Sant' Indrija, Xlendi (pjanta a fol. 731) filwaqt li kompliet tassenja partijiet diviżi mill-istess art lil uħud mill-porzjonijiet l-oħra. Skont il-konvenut appellant fuq parti minn din l-art inbnew xi appartamenti li ġew inklużi fil-porzjonijiet Tnejn sa Tnax tad-diviżjoni u għalhekk l-ebda parti minn din l-art ma tista' titqassam u l-ewwel irid jiġi identifikat, segregat, u assenjat lilu nofs diviż imbagħad jitqassam il-kumplament lill-kondividenti. L-atturi appellati jispjegaw li meta ommhom għamlet testment fl-20 ta' Diċembru 1984 li permezz tiegħu ħalliet lill-konvenut sehemha mir-raba f'Ta' Sturata sive Ta' Seama, l-appartamenti kienu diġa mibnija u għalhekk ma setgħetx kienet qegħdha tinkludihom fil-prelegat.

Jargumentaw għalhekk li kienet korretta l-ewwel Qorti meta allokat nofs indiviż mill-art fi Triq Sant' Indrija, Xlendi (l-art li kienet għadha raba).

**11.** Il-konvenut jilmenta wkoll li wara li tiġi prelevata l-proprjeta` immobbli mħollija lilu bi prelegat kellu jieħu sehemu daqs ħutu in natura mill-proprjeta` fix-Xlendi u mhux b'ekwiparazzjoni ta' flus. L-atturi appellati jispjegaw li l-ewwel Qorti għażlet li tassenja lill-konvenut in-nofs indiviż ta' art fi Triq Sant' Indrija, Xlendi u n-nofs indiviż ta' art "tar-Rokna", Triq Sant' Indrija, Xlendi sempliċiment għaliex la darba huwa kellu nofs indiviż ta' dawn l-artijiet partikolari kien jagħmel sens li jingħata r-rimanenti nofs indiviż tal-istess artijiet partikolari.

**12.** Ikomplu jsostnu li b'hekk l-ewwel Qorti mxiet skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi ċivili applikabbli, li tesiġi li min ikollu proprjeta` kontigwa għal beni in diviżjoni għandu kemm jista' jkun jiġi assenjat dik il-parti tal-beni komuni li tmiss mal-proprjeta` li tkun kollha tiegħu.

**13.** Dwar l-apporzjonament taċ-ċens gravanti l-proprjeta` l-atturi appellanti josservaw li minkejja li l-konvenut appellant qajjem dan il-punt huwa naqas li jitlob lil din il-Qorti biex tagħmel dan l-apporzjonament; in oltre jargumentaw li huwa sintomatiku li kull persuna li tiġi assenjata proprjeta` li fuqha jkun hemm ċens gravanti hija obbligata li tħallas iċ-ċens dovut fuq il-porzjon tagħha.

<u>Dwar il-ħames aggravju</u>: *il-motivazzjoni tal-Qorti dwar il-konklużjoni tagħha fuq l-imgħaxijiet*

**14.** L-ewwel Qorti kienet tal-fehma li l-imgħaxijiet derivanti mill-kapital ta' flus iddepożitat f'banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn ma jiffurmawx parti mill-profitti tal-amministrazzjoni tal-wirt li l-ġenituri tal-konvenut ħallewlu b'legat. Il-konvenut appellant jilmenta li l-ewwel Qorti ma tatx raġuni biex tispjega għaliex waslet għal din il-konklużjoni. L-atturi appellati jirraġunaw li d-dikjarazzjoni tal-ewwel Qorti li l-imgħaxijiet ma jiffurmawx parti mill-profitti hija proprju l-motivazzjoni wara d-deċiżjoni tagħha li l-imgħaxijiet kellhom jitqassmu bejn l-aħwa kollha. Isostnu li l-imgħaxijiet bl-ebda mod ma jistgħu jiġu

kkonsidrati bħala profitti derivanti mill-amministrazzjoni tal-sirt ladarba ddekorrew awtomatikament mingħajr il-bżonn tal-intervent tal-konvenut.

**15.** Dwar il-kumment tal-konvenut appellant li huwa prattikament ma ġibed l-ebda imgħax minħabba li kien hemm mandat ta' sekwestru fil-konfront tiegħu, huma jgħidu li dan it-tagħrif bl-ebda mod ma jista' jaġevolah.

Dwar is-sitt aggravju: *l-Lm137.50c*

**16.** Il-konvenut appellant jippretendi li l-ewwel Qorti kellha tirrimborsah is-somma ta' Lm137.50c. L-atturi appellati josservaw li huma ma għamel l-ebda talba f'dan is-sens u jissottomettu li, li kieku l-ewwel Qorti tat xi ordni f'dan is-sens kienet tkun qed tmur *ultra petita*.

Dwar is-seba' aggravju: *l-Lm2000*

**17.** Il-konvenut appellant jilmenta li l-ewwel Qorti inġustament naqset milli ttiħ is-somma ta' Lm2,000 imħollija lilu bi prelegat. L-atturi appellanti jirreferu għall-ispjegazzjoni li tat l-ewwel Qorti u cioe` li fir-rigward ta' dawn l-Lm2,000 il-konvenut kien diġa` ħa l-ammont relattiv għax sehemu mit-taxxa tas-suċċessjoni tħallset minn depożiti bankarji appartenenti l-wirt, kuntrarjament għall-atturi li ħallsu t-taxxa minn buthom.

Dwar it-tmien aggravju: *l-ispejjeż*

**18.** L-atturi appellati ma jaqblu xejn mal-argument tal-konvenut illi d-dewmien fil-kawża seħħ minħabba l-Qorti stess li damet biex tat is-sentenza u minħabba l-iżbalji tal-periti li ħatret hija stess. Huma jissottomettu li minn eżami tal-atti proċesswali jirriżulta ferm evidenti li din il-kawża twalet partikolarment tort tal-konvenut li għamel minn kollox sabiex din il-kawża qatt ma tasal biex tiġi deċiża.

Doppio Spese

**19.** Finalment l-atturi appellati jsostnu li dan l-appell huwa wieħed fieragħ, frivolu u vessatorju u bħala tali din

il-Qorti għandha tapplika l-Artikolu 223(4) tal-Kapitolu 12 u tikkundanna lill-konvenut appellant id-*doppio spese*.

**20.** Fl-10 ta' Mejju 2011 l-atturi rappreżentati minn Anthony Tabone ppreżentaw rikors li premezz tiegħu spjegaw li minkejja li l-konvenut appellant għamel rikors għat-trasfużjoni tal-ġudizzju fir-rigward tal-eredita` ta' oħthom Mary Jane Zahra dan għamlu fir-rigward ta' wirt ġjaċenti, iżda huma jafu min huma l-eredi ta' oħthom Mary Jane Zahra u għalhekk ikun opportun li t-trasfużjoni tal-ġudizzju fir-rigward tal-istess Mary Jane Zahra isir fuqhom (Victoria Maria mart Stephen De Brincat, u Marianne Janette mart Sam Vella). Għalhekk talbu biex it-trasfużjoni tal-ġudizzju fir-rigward ta' Mary Jane Zahra issir minn isimha għal fuq isem l-istess Anthony Tabone bħala prokuratur lokali tal-imsiefra Victoria Maria mart Stephen De Brincat u Marianne Janette mart Sam Vella, aħwa Zahra. Din il-Qorti fl-10 ta' Ottubru 2011 in vista ta' dawn il-proċeduri għat-trasfużjoni tal-ġudizzju, irrevokat *contrario imperio* d-digriet tagħha tat-03 ta' Mejju 2011 li permezz tiegħu kienet innominat il-kuraturi Dr. Adrian Camilleri u l-PL Alison Wadge għall-eredita` ġjaċinta. Din il-Qorti imbagħad fit-12 ta' Marzu 2012, wara li rat id-dokumenti kollha relattivi ppreżentati mill-istess atturi laqgħet it-talba biex l-atti jiġu trasfużi f'isem Anthony Tabone bħala prokuratur lokali tal-imsiefra Victoria Maria mart Stephen De Brincat u Marianne Janette mart Sam Vella, aħwa Zahra.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

**21.** Ladarba l-ewwel aggravju tal-konvenut appellant dwar in-nullita` tas-sentenza ġie rtirat minnu[2] din il-Qorti ser tibda biex tikkunsidra t-tieni aggravju.
*It-tieni aggravju*

**22.** Il-konvenut appellant isostni li kienet skorretta l-ewwel Qorti meta ma pprovdietx għall-immissjoni fil-pussess tal-legati mħollija lilu.

[2] Ara *footnote* 1 *supra*

**23.** Kif issottomettew l-atturi appellati, ma saret l-ebda talba f'dan is-sens fiċ-ċitazzjoni u min-naħa tiegħu l-konvenut lanqas ma għamel riferenza għall-immissjoni fl-eċċezzjonijiet tiegħu iżda sempliċiment eċċepixxa li kellu jieħu dak li jmissu. Ma jistax għalhekk il-konvenut jippretendi li l-ewwel Qorti tagħti provvediment dwar affarijiet li ma ġewx mitluba.

*It-tielet aggravju*

**24.** Il-konvenut appellant jirreferi għal żewġ kawżi pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fl-ismijiet **Anthony Tabone pro et nomine v. Joseph Bianco** (Ċit. Nru. 14/2005 u 64/2005 rispettivament) li jirrigwardaw kwistjoni ma' terza persuna fuq il-proprjeta` ta' parti mill-art tax-Xlendi li qegħdha in diviżjoni u jsostni li sa kemm jinqatgħu dawn il-kawżi ma tistax issir id-diviżjoni.

**25.** Dawn il-kawżi huma fil-fatt kawżi ta' spoll u għalhekk huma azzjonijiet possessorji. Kif jargumentaw l-atturi appellati, joħroġ ċar kemm mil-liġi u kif ukoll mill-ġurisprudenza li l-ġudikant f'kawża ta' spoll ma jistax jeżamina d-drittijiet petitorji u għalhekk l-eżitu ta' dawn il-kawżi mhux ser ikollu xi effett fuq it-titolu tar-raba inkwistjoni. L-eżistenza ta' dawn iż-żewġ kawżi ma tistax titqies bħala ostakolu għall-konklużjoni ta' din il-kawża ta' diviżjoni.

*Ir-raba' aggravju – l-ewwel parti tiegħu*

**26.** F'dan l-aggravju l-konvenut jibda' biex jirreferi għall-fatt li l-ewwel Qorti wara li ddikjarat li huwa bħala prelegat għandu nofs <u>indiviż</u> mill-art tax-Xlendi tatu wkoll bħala parti minn sehemu ta' werriet "*nofs <u>indiviż</u> art Triq Sant' Indrija Xlendi – pjanta a fol. 731*". Jilmenta li l-ewwel Qorti imbagħad kompliet billi assenjat partijiet <u>diviżi</u> mill-istess art lil uħud mill-porzjonijiet l-oħra li ordnat li jittellgħu bix-xorti. Huwa jgħid li l-art tax-Xlendi mħollija lilu bi prelegat tikkonsisti f'seba' sigħan art formanti l-ittra "L" u fuq parti minnha nbnew appartamenti li l-ewwel Qorti qassmet fost il-lottijiet li jittellgħu bix-xorti. Jgħid li apparti l-biċċa art li

fuqha hemm il-bini, mill-porzjon art li għadha raba huwa għandu nofs indiviż bi prelegat u għalhekk l-ebda parti minnha ma tista' titqassam purke` l-ewwel ma jiġix identifikat, segregat u assenjat lilu n-nofs indiviż minn din l-art. Jgħid li porzjonijiet mill-art tax-Xlendi ġiet assenjata darbtejn: l-ewwel lilu bħala parti mill-prelegat tiegħu, u mbagħad lill-werrieta l-oħra.

**27.** Din l-ewwel parti tar-raba' aggravju ma tantx hija spjegata tajjeb u għalhekk ma tantx tinftiehem sew. Il-konvenut ma jispeċifikax fuq liema "art tax-Xlendi" (li nofs indiviż ingħatatlu bħala prelegat) qiegħed jitkellem. L-ewwel Qorti fid-Dok A anness u formanti parti mis-sentenza appellata fil-fatt iddikjarat li huwa għandu nofs indiviż minn TLIET biċċiet art fix-Xlendi bħala legat, u mhux minn waħda:

(1) nofs indiviż ta' art Triq Sant' Indrija, Xlendi (pjanta a fol. 731, li turi art diviża f'tliet biċċiet C1 sa C3);

(2) nofs indiviż art Triq Karolina, Xlendi (pjanta a fol. 732, li turi art diviża f'sitt biċċiet ta' daqs ugwali D1 sa D6); u

(3) nofs indiviż art "Tar-Rokna", Triq Sant' Indrija, Xlendi (pjanta a fol. 734 li turi bicca art żgħira kantuniera, immarkata "*boat park*").

**28.** Fil-każ ta' l-art ta' Triq Sant' Indrija, Xlendi u l-art "Tar-Rokna", Triq Sant' Indrija, Xlendi, jirriżulta li l-ewwel Qorti in konsiderazzjoni tal-fatt li l-konvenut għandu nofs indiviż minn kull waħda bħala legat assenjatlu nofs indiviz minn kull waħda bħala parti minn sehemu ta' werriet, u ma assenjat l-ebda parti minnhom lill-porzjonijiet l-oħra. (Jiġi ċċarat li dak li l-ewwel Qorti assenjat lill-porzjonijiet l-oħra mill-proprjeta` fi Triq Sant' Indrija, Xlendi, huma fil-fatt t-terrani u meżżanini (li jidhru f'pjanta separata a fol. 729) iżda fir-rigward tal-art f'Triq Sant' Indrija, Xlendi, li għadha raba, il-konvenut se jeħoda kollha hu: nofs indiviż bħala legat u nofs indiviż bħala parti minn sehmu tal-wirt).

**29.** Issa fir-rigward ta' l-art fi Triq Karolina, Xlendi, (pjanta a fol. 732) l-ewwel Qorti indikat li l-konvenut għandu nofs indiviż bħala legat.[3] Skont il-pjanta din l-art hija diviża f'sitt biċċiet: D1 sa D6. (Fil-fatt il-perit tekniku kien issuġġerixxa li l-konvenut jieħu D1, D2 u D3 jew D4, D5 u D6[4]). L-ewwel Qorti imbagħad assenjat partijiet diviżi lill-porzjonijiet l-oħra: (D1) lit-Tmien Porzjon u (D2) lid-Disa' Porzjon. Jidher li bi żvista l-ewwel Qorti ma assenjatx il-parti mmarkata D3.

**30.** Ma jistax ikun li jiġu assenjati bħala wirt partijiet diviżi minn din l-art u fl-istess ħin jibqa' jitqies li l-konvenut għandu nofs indiviż minnha bħala legat. Din il-Qorti għalhekk hija tal-fehma li n-nofs indiviż minn din l-art fi Triq Karolina, Xlendi li tħallielu bħala legat għanu jiġi indikat bħala l-parti D4-D6. Il-parti li intesiet (D3) ovvjament trid tiġi inkluża f'waħda mill-porzjonijiet.

b) Isostni wkoll il-konvenut appellant li huwa apparti l-proprjeta` fix-Xlendi mogħtija lilu b'legat, għandu jieħu wkoll proprjeta` oħra mix-Xlendi daqs kemm jieħdu ħutu. Jilmenta li l-porzjoni li ħa hu (Dok A) tikkonsisti f'proprjeta` immobbli ta' valur sostanzjalment inferjuri għall-porzjonijiet l-oħra u jgħid li t-testment tal-ġenituri tiegħu ma ġiex onorat peress li kellu jieħu sehemu daqs ħutu in natura mill-proprjeta` tax-Xlendi u mhux b'ekwiparazzjoni ta' flus.

**31.** Din il-Qorti tosserva li apparti t-terran bin-numru 8 fi Triq Sant' Indrija, Xlendi u l-artijiet li l-konvenut ħa b'legati, il-porzjoni tiegħu bħala werriet (l-ewwel porzjoni) ma tinkludi l-ebda terran/meżżanin minn tax-Xlendi bħall-porzjonijiet l-oħra. Minn dawn il-meżżanini u t-terrani tax-Xlendi (li b'kollox hemm ħmistax – A2-A13 u A1a-A1c) il-konvenut appellant ħa t-terran (A2) bħala legat, iżda l-erbatax l-oħra tqassmu bejn il-porzjonijiet Tnejn sa Tnax u għalhekk il-konvenut ma ħax wieħed minnhom bħala werriet.

---

[3] Fis-sentenza tagħha l-ewwel Qorti kienet spjegat li minn din l-art fi Triq Karolina, Xlendi, (għal dak li setgħet tikkonstata) il-konvenut għandu nofs skont it-testment tal-omm.

[4] Fol. 725

**32.** Tosserva wkoll li l-porzjoni tal-konvenut fl-ammont ta’ Lm4,150[5] għandha l-inqas valur mit-tnax-il porzjoni kollha u fil-fatt il-konvenut kellu jieħu l-ogħla ekwiparazzjoni bi flus (€6,396)[6] meta komparat ma’ ħutu l-oħra. Inċidentalment fir-rigward tal-porzjoni tal-konvenut (l-ewwel porzjoni) l-ewwel Qorti ħadet żball matematiku wkoll. It-total tal-artijiet li l-ewwel Qorti assenjatlu fil-fatt jammontaw għal Lm3,150 u mhux Lm4,150 kif indikat fuq id-Dok A.

**33.** Hemm lok għalhekk fejn il-konvenut jieħu wieħed mit-terrani/meżżanini fil-porzjoni tiegħu u din il-Qorti fil-fatt tħoss li jkun ġust li l-konvenut jiġi assenjat bħala werriet wieħed mill-proprjetajiet f’Triq Sant’ Indrija, Xlendi, bħall-ħdax-il ħutu l-oħra, ladarba barra dak li ingħatalu b’legat jifdal erbatax(14)-il post fix-Xlendi x’jitqassmu bejn tnax(12)-il werrieta.

**34.** Minbarra li għandu jitnaqqas meżżanin/terran mill-ħdax-il-porzjonijiet tal-atturi sabiex jingħata lill-porzjon tal-konvenut appellant (biex b’hekk fir-rigward tal-meżżanini/terrani fix-Xlendi kull wieħed mill-eredi jkollu parti in natura), hemm ukoll dik il-biċċa raba fi Triq Karolina, Xlendi (D3, pjanta a fol. 732) li trid tiżdied ma’ xi porzjoni minnhom (kif diġa` spjegat din il-Qorti iktar ’il fuq fil-parti (a) ta’ dan ir-raba’ aggravju). Biex dan isir, din il-Qorti kellha tagħmel xi ftit rispostament tal-kontenut ta’ uħud mill-porzjonijiet. Dan ir-rispostament għamlitu wkoll b’mod li min imissu jieħu <u>żewġ</u> postijiet minn tax-Xlendi jeħodhom kontigwi u mhux mifrudin.

**35.** Bħala riżultat iridu jiġu emendati l-ewwel, it-tieni, it-tielet, is-seba’, il-ħdax u t-tnax-il porzjoni kif spjegat hawn taħt:

<u>L-ewwel porzjoni</u> (dik tal-konvenut appellant) għandha tikkonsisti fis-segwenti proprjeta`:

---

[5] Dan għandu jaqra Lm3,150 u mhux Lm4,150

[6] Li effettivament minħabba l-iżball matematiku tal-ewwel Qorti kellu jkun iktar minn €6,396

i. nofs indiviż art Triq Sant' Indrija Xlendi – pjanta a fol. 731 ______________________________________________ __Lm3,076

ii. nofs indiviż art tar-Rokna, Triq Sant' Indrija, Xlendi – pjanta folio 734 _Lm 18

iii. art ta' Kamlata limiti Sannat – pjanta fol. 736________ _____Lm 56

iv. meżżanin 7a mmarkat A1a pjanta a fol. 729[7]______ _____Lm3,500

**Valur totali tal-ewwel porzjoni: Lm6,650 – ergo għandha tirċievi ekwiparazzjoni ta' Lm246 (€573.18)**
Il-tieni porzjoni għandha tikkonsisti fis-segwenti proprjeta`:

i. terran St Anthony immarkat A9 pjanta a fol. 729____ _________Lm3,800

ii. "Casa Keen" immarkat A10 pjanta a fol. 729_______ _________Lm3,400

**Valur totali tat-tieni porzjoni: Lm7,200 – ergo għandha tħallas ekwiparazzjoni ta' Lm304 (€708.32)**

It-tielet porzjoni għandha tikkonsisti fis-segwenti proprjeta`:

ii. meżżanin immarkat A1b pjanta a fol. 729_________ _________Lm3,400

ii. *plot* immarkat E1 pjanta a fol. 733_______________ _____Lm2,848

**Valur totali tat-tielet porzjoni: Lm6,248 – ergo għandha tirċievi ekwiparazzjoni ta' Lm648 (€1,509.84)**

[7] Dan il-meżżanin jiġi fuq it-terran immarkat A2 li ġie assenjat lill-konvenut appellant b'legat

Is-seba’ porzjoni għandha tikkonsisti fis-segwenti proprjeta`:

i. terran immarkat A5 pjanta a fol. 729 ______________________Lm4,000

ii. terran immarkat A6 pjanta a fol. 729 ______________________Lm4,000

**Valur totali tas-seba’ porzjoni: Lm8,000 – ergo għandha tħallas ekwiparazzjoni ta’ Lm1,104 (€2,572.32)**

Il-ħdax-il porzjoni għandha tikkonsisti fis-segwenti proprjeta`:

i. terran immarkat A13, pjanta a fol. 729________________Lm5,600

ii. porzjon raba mmarkata D3 fuq il-pjanta a fol. 732____________Lm 962

**Valur totali tal-ħames porzjoni: Lm6,562 – ergo għandha tirċievi ekwiparazzjoni ta’ Lm334 (€778.22)**

It-tnax-il porzjoni għandha tikkonsisti fis-segwenti proprjeta`:

i. terran immarkat A11, pjanta a fol. 729________________Lm3,400

ii. parti diviża 12 Triq Santa Teodora mmarkata B2 pjanta fol. 730 __Lm2,800

**Valur totali tal-ħames porzjoni: Lm6,200 – ergo għandha tirċievi ekwiparazzjoni ta’ Lm696 (€1,621.68)**

*Ir-raba’ aggravju – it-tieni parti tiegħu*

**36.** F’dan l-aggravju wkoll il-konvenut sostna li l-ewwel Qorti naqset milli tapplika d-dispożizzjoni tal-liġi li tesiġi li min ikollu proprjeta` kontigwa għal beni in diviżjoni għandu

kemm jista' jkun jiġi assenjat dik il-parti tal-beni komuni li tkun tmiss mal-proprjeta` li tkun tiegħu. Din il-Qorti ma tħossx li dan huwa minnu. Kif esponew l-atturi appellanti anzi jidher li l-ewwel Qorti proprju kellha din id-dispożizzjoni tal-liġi f'moħħha meta fil-porzjoni li assenjat lilu inkludiet nofs indiviż ta' art fi Triq Sant' Indrija, Xlendi u nofs indiviż ta' art "Tar-Rokna", ukoll fi Triq Sant' Indrija, Xlendi. Dan għaliex in-nofsijiet l-oħra ta' dawn l-artijiet tħallew lilu bħala legati.

**37.** Il-konvenut ukoll irid li kemm-il darba jmissu parti mill-bini tax-Xlendi jiġi assenjat lilu l-fond ta' fuq jew ma' ġenb il-bini lilu ġa` mħolli lilu b'legat. Dan, din il-Qorti fil-fatt diġa` ħadet ħsieb li tagħmlu, peress li l-meżżanin immarkat A1a fuq il-pjanta a fol. 729, li assenjatlu bħala parti mis-sehem tiegħu ta' werriet, jiġi fuq it-terran immarkat A2 li tħalla lilu bħala legat. U kif diġa` spjegat, qagħdet attenta wkoll biex dawk iż-żewġ porzjonijiet li ser imisshom jieħdu <u>żewġ</u> biċċiet proprjeta` fix-Xlendi jieħdu effettivament żewġ biċċiet li jmissu ma' xulxin.

**38.** Fir-rigward tal-argument tal-konvenut appellant illi l-ewwel Qorti naqset milli tagħmel apporzjonament taċ-ċens gravanti l-proprjeta`, kif qalu l-atturi appellati, kull persuna li tiġi assenjata proprjeta` li fuqha jkun hemm ċens gravanti hija obbligata tħallas iċ-ċens dovut fuq il-porzjon tagħha.

*Il-ħames aggravju*

**39.** L-ewwel Qorti kienet irraġunat illi kemm id-depożiti bankarji f'banek lokali u investimenti esteri jew anke azzjonijiet f'soċjetajiet kummerċjali għandhom jiġu diviżi fi kwoti ndaqs (jiġifieri wieħed minn kull tnax-il parti) bejn il-kondividenti inkluż l-imgħax li ddekorra fuqhom billi fil-fehma tagħha tali imgħax ma jiffurmax parti mill-profitti tal-amministrazzjoni tal-wirt li t-testaturi ħallew b'legat lill-konvenut.

**40.** Il-konvenut appellant jilmenta li l-ewwel Qorti ma tatx raġuni għaliex waslet għal dan il-konvinċiment. Dan l-aggravju jidher li hu bbażat fuq l-Artikolu 218 tal-Kapitolu

12 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipola li fis-sentenza għandhom jingħataw ir-raġunijiet li fuqhom il-Qorti tkun ibbażat id-deċiżjoni tagħha. Veru li l-ewwel Qorti ma speċifikatx għaliex fil-fehma tagħha l-imgħax ma jiffurmax parti mill-profitti tal-amministrazzjoni tal-wirt: forsi għaliex dehrilha li r-raġuni hija pjuttost ovvja. Kif issottomettew l-atturi appellati l-imgħax iddekorra awtomatikament fuq id-depożiti bankarji jew azzjonijiet f'soċjetajiet kummerċjali mingħajr ma kien hemm bżonn tal-intervent tal-konvenut.

**41.** Din il-Qorti ma tħossx li din l-"iżvista" da parti tal-ewwel Qorti li tispeċifika r-raġuni tagħha f'dan ir-rigward hija ta' tant li għandha twassal għall-annullament tas-sentenza jew ta' parti minnha.

*Is-sitt aggravju:*

**42.** Il-konvenut appellant jilmenta wkoll li huwa ħallas minn butu Lm5.50 kull sena mill-1984 sal-2009 (u cioe` s-somma totali ta' Lm137.50) għall-proprjeta` tax-Xlendi u l-ewwel Qorti naqset li tirrimborsah. Dawn il-Lm5.50 għalkemm ma jispjegax x'inhuma jidher li jirrappreżentaw ċnus.[8]

**43.** Kif jargumentaw l-atturi appellati ma jidhirx li qatt saret xi talba f' dan is-sens u għalhekk l-ewwel Qorti ma setgħetx tikkunsidra dak li ma kienx mitlub minnha.

*Is-seba' aggravju*

**44.** Permezz tas-seba' aggravju l-konvenut appellant isostni li l-ewwel Qorti inġustament naqset li tagħtih is-somma ta' Lm2,000 imħollija lilu bi prelegat. L-ewwel Qorti kienet effettivament spjegat li l-konvenut kien diġa` ħa din is-somma għaliex sehemu mit-taxxa tas-suċċessjoni tħallset minn depożiti bankarji appartenenti l-wirt filwaqt li mir-riċevuti esebiti jirriżulta li l-atturi ħallsu t-taxxi minn buthom.

---

[8] Fix-xhieda tiegħu tat-22 ta' Awwissu 1986 il-konvenut jitkellem fuq l-ispejjeż li huwa nefaq mill-mewt ta' missieru u fost affarijiet oħra jsemmi "*Il-Lm5.50c ċnus li jitħallsu lil Pawlu Merċieca liema ċens jiggrava l-art fejn hemm mibnija l-flattijiet.*" (fol. 552)

*It-tmien aggravju*

**45.** Il-konvenut appellant finalment jilmenta dwar il-kap tal-ispejjeż. L-ewwel Qorti ordnat li l-konvenut kellu jbati dawk l-ispejjeż tar-reġistru u tal-avukat tiegħu filwaqt li l-kumplament kellhom jibqgħu fis-sehem ta' wieħed minn tnax fuq kull wieħed u waħda mill-kondividenti. Huwa jgħid li l-fatt li ma tat l-ebda raġuni il-għala kienet qegħdha tagħmel dan, iwassal għan-nullita` tas-sentenza.

**46.** Veru li fl-aħħar paragrafu tas-sentenza meta l-ewwel Qorti ddeċidiet fuq l-ispejjeż ma spjegatx għaliex kienet qegħdha tiddeċiedi b'tali mod. Pero` l-istess Qorti fis-sentenza kienet diġa` kkummentat dwar l-imġieba proċesswali tal-konvenut. Fil-fatt bdiet il-konsiderazzjonijiet tagħha b'din il-frażi:

*"Dina hija kawża ta' diviżjoni li ħadet dan iż-żmien kollu biex tiġi finalizzata minħabba ostrużjoniżmu sistematiku tal-konvenut … ...."*

**47.** Kienet anke iktar 'l isfel ikkummentat illi l-konvenut :

*" … … għandu l-amministrazzjoni u tgawdija tal-profitti u li ilu f' din is-sitwazzjoni għal żmien skonsiderat u li metodikament għamel minn kollox biex jostakola d-diviżjoni."*

**48.** Għalhekk ma hu minnu xejn li l-ewwel Qorti naqset milli tispjega għaliex iddeċidiet kif iddeċidiet fuq l-ispejjeż, u din il-Qorti assolutament ma taqbilx li hemm każ ta' nullita` tas-sentenza.

**49.** Il-konvenut appellant jargumenta li jekk il-kawża twalet dan ma kienx ħtija tiegħu iżda in parti ħtija tal-Qorti li kellha l-kompitu tikkontrolla l-andament tal-kawża u in parti minħabba l-kumplessita` tal-kawża li esiġiet li titwal tant.

**50.** Minn eżami tal-atti tal-proċess ma tistax din il-Qorti pero` ma taqbilx mal-ewwel Qorti li l-konvenut għamel min kollox biex jostakola u jtawwal id-diviżjoni. L-atturi

appellati fil-fatt elenkaw lista twila kronoloġika ta' ċirkostanzi, rikorsi, appelli u differimenti magħmula mill-konvenut li ċertament juru li r-raġuni ewlenija tad-dewmien tal-proċeduri kienet bla dubbju l-imġieba tal-konvenut, u l-ispejjeż relattivi twalu u żdiedu tort u ħtija tiegħu. Din il-Qorti għalhekk ma tarax għalfejn għandha tiddisturba l-konklużjoni tal-ewwel Qorti dwar il-kap tal-ispejjeż.

**Decide**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeċiedi dan l-appell billi:

Tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha ħlief għall-bidliet li għandhom isiru fil-pjan tal-qasma (dok A) anness mal-istess sentenza (kif diġa` spjegat fil-kunsiderazzjonijiet tagħha intestati *r-raba' aggravju – l-ewwel parti tiegħu* u *r-raba' aggravju – it-tieni parti tiegħu* u cioe`:

i) fir-rigward tal-art fi Triq Karolina Xlendi, murija fuq il-pjanta a fol. 732 diviża f'sitt partijiet (D1 sa D6) għandu jiġi indikat li l-konvenut appellant għandu l-partijiet D4 u D5 u D6 bħala legat u mhux nofs indiviż kif iddikjarat l-ewwel Qorti;

ii) l-ewwel, it-tieni, it-tielet, is-seba', il-ħdax u t-tnax-il porzjonijiet għandhom jiġu emendati sabiex jaqraw hekk:

L-ewwel porzjoni (dik tal-konvenut appellant) għandha tikkonsisti fis-segwenti proprjeta`:

i. nofs indiviż art Triq Sant' Indrija Xlendi – pjanta a fol. 731 ______Lm3,076

ii. nofs indiviż art tar-Rokna, Triq Sant' Indrija, Xlendi – pjanta fol. 734___Lm 18

iii. art ta' Kamlata limiti Sannat – pjanta fol. 736_______ _____Lm 56

iv. meżżanin 7a mmarkat A1a pjanta a fol. 729[9]________________Lm3,500

**Valur totali tal-ewwel porzjoni: Lm6,650 – ergo għandha tirċievi ekwiparazzjoni ta' Lm246 (€573.18)**

Il-tieni porzjoni għandha tikkonsisti fis-segwenti proprjeta`:

i. terran St. Anthony immarkat A9 pjanta a fol. 729_________Lm3,800

ii. "Casa Keen" immarkat A10 pjanta a fol. 729_____________Lm3,400

**Valur totali tat-tieni porzjoni: Lm7,200 – ergo għandha tħallas ekwiparazzjoni ta' Lm304 (€708.32)**

It-tielet porzjoni għandha tikkonsisti fis-segwenti proprjeta`:

i. meżżanin immarkat A1b pjanta a fol. 729______________Lm3,400

ii. *plot* immarkat E1 pjanta a fol. 733___________________Lm2,848

**Valur totali tat-tielet porzjoni: Lm6,248 – ergo għandha tirċievi ekwiparazzjoni ta' Lm648 (€1,509.84)**

Is-seba' porzjoni għandha tikkonsisti fis-segwenti proprjeta`:

i. terran immarkat A5 pjanta a fol. 729 __________________Lm4,000

ii. terran immarkat A6 pjanta a fol. 729 __________________Lm4,000

[9] Dan il-meżżanin jiġi fuq it-terran immarkat A2 li ġie assenjat lill-konvenut appellant b'legat

**Valur totali tas-seba' porzjoni: Lm8,000 – ergo għandha tħallas ekwiparazzjoni ta' Lm1,104 (€2,572.32)**

Il-ħdax-il porzjoni għandha tikkonsisti fis-segwenti proprjeta`:

i. terran immarkat A13, pjanta a fol. 729______________________Lm5,600

ii. porzjon raba mmarkata D3 fuq il-pjanta a fol. 732________________Lm 962

**Valur totali tal-ħames porzjoni: Lm6,562 – ergo għandha tirċievi ekwiparazzjoni ta' Lm334 (€778.22)**

It-tnax-il porzjoni għandha tikkonsisti fis-segwenti proprjeta`:

i. terran immarkat A11, pjanta a fol. 729______________________Lm3,400

ii. parti diviża 12 Triq Santa Teodora mmarkata B2 pjanta fol. 730 __Lm2,800

**Valur totali tal-ħames porzjoni: Lm6,200 – ergo għandha tirċievi ekwiparazzjoni ta' Lm696 (€1,621.68)**

L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu $^{6}/_{7}$ mill-konvenut appellant (peress li sitta mis-seba' aggravji[10] tiegħu kienu infondati) u r-rimanenti $^{1}/_{7}$ jibqgħu bla taxxa (peress li għan-nuqqas tal-ewwel Qorti fir-rigward tal-pjan tad-diviżjoni m'għandhom l-ebda tort l-atturi appellati).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------

[10] Għalkemm ir-rikors tal-appell tal-konvenut jikkonsisti f'tmien aggravji, l-ewwel waħda kien irtirha u għalhekk din il-Qorti kellha tikkunsidra seba' aggravji u mhux tmienja.